## KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

---

## IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 28 – IT-TLIETA, 15 TA' LULJU 2014 FIS-5.45PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

### 1. Approvazzjoni Minuti Numru 27

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 6.4 għandha titneħħa l-kelma "illegali". Fil-paragrafu 6.3 għandha tidħol fl-aħħar il-frażi "Għandha tinkiteb ittra lil TM jew lil Enemalta rigward din".

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti b'dawn il-korrezzjonijiet. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Pagamenti Numru 25

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

### 3 Korrispondenza

3.1 Ġiet diskussa t-talba għal un/loading fi Triq San Franġisk. Ġie deċiż li s-Sur Dominic Cassar jagħmel site visit fuq il-post u d-deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

3.2 Ġiet diskussa t-talba mill-Kumpanija Mediatoday biex il-Kunsill jagħmel skip tar-reċiklaġġ tal-karti, minħabba li huma jkollhom ħafna karti għar-rimi. Ġie deċiż li din it-talba ma tiġix milqugħa u nikkomunikaw magħhom li jekk huma jridu jagħmlu skip huma, jistgħu jagħmluha fil-propjetà privata tagħhom.

3.3 Ġiet moqrija r-risposta minn TM rigward ir-refreshing tal-linji u zebra crossings tat-toroq arterjali. Minkejja assekurazzjoni li dan ix-xogħol ser isir, għadu ma sarx. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lura lil TM fejn ninfurmawhom li dan ix-xogħol għadu ma sarx.

3.4 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill, il-konklużjoni tal-Bord rigward l-inkjesta tax-xiri tal-uffiċini tal-Kunsill. Is-Sindku innota li d-data ta' dan ir-rapport kien iġib it-12 ta' Diċembru 2013. Minkejja dan l-ex-Segretarju Parlamentari ma ppubblikahx, u s-Segretarju Parlamentari preżenti dam aktar minn 4 xhur biex ippubblikah. Dan ir-rapport huwa miżgħud b'ħafna ineżatezzi. Is-Sindku kkonkluda billi informa lill-Kunsill li hu għandu jibgħat risposta fuq dan ir-rapport.

**6 Affarjiet oħra**

6.1 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li hi ġiet mgħajjta b'arrest biex tmur id-Depot tal-Pulizija rigward allegazzjoni ta' serq u misappropjazzjoni fil-ħidma tagħha fid-Day Care Centre tal-Kunsill. L-allegazzjonijiet saru mill-ex-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici. Minkejja aktar minn 4 sigħat ta' interrogazzjoni, irriżulta li dawn l-allegazzjonijiet kienu mingħajr bażi, u għalhekk il-pulizija ikkonkludu li mhemmx każ fuq x'hiex ikomplu l-investigazzjoni. Il-Pulizija għandhom jgħaddu rapport lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali

6.1.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ilmentat ukoll li qed isir żbir eċċessiv u għandha ssir laqgħa mal-ELC. Hi lmentat ukoll fuq il-bżonn ta' knis aħjar speċjalment fl-inħawi ta' Vjal in-Naspli. Hi talbet ukoll biex issir laqgħa mal-Management tal-Lidl minħabba numru ta' lmenti li qed nirċievu mir-residenti tal-inħawi. Kif ukoll ghanda tissewwa l-bankina li huma kisru biex jghamlu katusa u thalliet ta' periklu ghan-nies.

6.2 Is-Sinjura Joan Farrugia nfurmat lill-Kunsill li għalkemm ġiet installata l-iskip tar-reċiklaġġ fi Triq l-Istefanotis, xorta hemm biċċa ħaddieda nieqsa. Ġie deċiż li terġa' tintbagħat ittra lill-Green Pak rigward l-inċident li seħħ f'April 2013 meta skip għamlet ħsara fuq karozza.

6.3 Is-Sinjura Rita Saliba lmentat li hemm ħafna toroq li għandhom bżonn refreshing tas-sinjali tat-toroq.

6.4 Is-Sur Mikhail Micallef ilmenta li għadhom ma sarux it-tliet MC Bays fi Triq Hida li ġew approvati fil-laqgħa preċedenti.

6.5 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li ltaqa' ma' persuna mill-Enemalta fejn issuġġerielu li t-trinka fi Triq Ta' Żwejt issir mill-Kunsill biex tinxtegħel il-bozza li hemm pendenti. Għandha tinġabar stima għal din. Għandha tintalab stima għal xiri ta' 20 tabella "No Parking" free standing. Talab ukoll biex isiru cats eyes fis-central strip fi Triq Birkirkara quddiem l-Astral . Fakkar ukoll li hemm bżonn isir it-tindif tal-culvert qabel l-ewwel xita.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 18 ta’ Awwissu 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |